MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 939/2004

Maltacom p.l.c.
vs
Lee Wiliam Glass

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` Maltacom p.l.c. li bih espona:

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Lee Wiliam Glass (Cit. Nru. 2141/97RCP) kienet giet deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Frar 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundanat ihallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta’ Lm1433.48 (elf erba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 226355, li kien installat fil-fond 25, Triq St. Ursola, Valletta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-intimat kien ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, kien tas-sorte fuq indikati, oltre Lm194.66 (mija erbgha u disghin liri Maltin u sitta u sittin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa Dok A annessa mar-rikors kif ukoll Lm621.17 (sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sbatax-il centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-3 ta' Lulju, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta' Lm2249.31 (elfejn, mitejn u disa' u erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-lum u anqas ipprezenta risposta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-P.L. Noel Scerri u d-dokument a fol 20 tal-process.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li qed tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------